



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Settembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0324 (NLE)

11928/18
ADD 1

WTO 230
MAP 16
MI 616
COASI 216

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11926/18 ADD 1
Suġġett:	Termini tal-UE għall-Adeżjoni tal-Awstralja għall-GPA

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża t-termini tal-UE għall-adeżjoni tal-Awstralja għall-GPA.

TERMINI TAL-UE GĦALL-ADEŻJONI TAL-AWSTRALJA GĦALL-GPA

Mal-adeżjoni tal-Awstralja mal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi:

- il-punt 3 tat-Taqsima 2 ("L-awtoritajiet kontraenti tal-gvern ċentrali tal-Istati Membri tal-UE") tal-Anness 1 tal-Appendiċi I Impenji tal-Unjoni Ewropea għandu jaqra kif ġej:

'3. Għal prodotti, servizzi, fornituri u provditure ta' servizzi fl-Istati Uniti; il-Kanada; il-Ġappun; Hong Kong, iċ-Ċina; Singapore; il-Korea; l-Armenja; it-Territorju Doganali Separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu, in-New Zealand u l-Awstralja, l-akkwist mill-awtoritajiet kontraenti tal-gvern ċentrali li ġejjin, sakemm dawn ma jkunux immarkati b'asterisk."

- in-Nota 2 tan-Noti tal-Anness 1 tal-Appendiċi I Impenji tal-Unjoni Ewropea għandha tinbidel kif ġej:

'2. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu XVIII ma għandhomx japplikaw għal fornituri u provditure ta' servizzi mill-Ġappun, il-Korea, l-Istati Uniti u l-Awstralja fil-kontestazzjoni tal-ġhoti ta' kuntratti lil fornitur jew provditure ta' servizz ta' Partijiet oħra għajr dawk imsemmija, li huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, sakemm l-UE taċċetta li dawn ma għadhomx joperaw miżuri diskriminatorji favur ċerti negozji domestiċi żgħar u tal-minoranzi."

Mal-adeżjoni tal-Awstralja mal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi:

- in-Nota 1 tan-Noti tal-Anness 2 tal-Appendiċi I Impenji tal-Unjoni Ewropea għandha tinkludi l-punti li ġejjin wara l-punt g):

"(h) l-akkwist minn awtoritajiet kontraenti reġjonali u lokali (awtoritajiet kontraenti ta' unitajiet amministrattivi elenkati taħt NUTS 2 u 3 u unitajiet amministrattivi iżgħar, kif imsemmi fir-Regolament 1059/2003 (kif emendat)) fir-rigward ta' prodotti, servizzi, fornituri u provditure ta' servizzi mill-Awstralja;

(i) l-akkwist ta' bejn 200 000 SDR u 355 000 SDR minn awtoritajiet kontraenti reġjonali u ta' bejn 200 000 SDR u 400 000 SDR għal korpi rregolati mid-dritt pubbliku koperti f'dan l-Anness ta' prodotti u servizzi għal fornituri u provditure ta' servizzi mill-Awstralja;

(j) l-akkwist mill-entitajiet tal-akkwist koperti f'dan l-Anness ta':

i vetturi bil-mutur, kif deskritt fil-Kapitoli tan-Nomenklatura Magħquda (NM) speċifikati hawn taħt:

8702 Vetturi bil-mutur għat-trasport għal għaxar persuni jew aktar, inkluż ix-xufier

8703 Karozzi bil-mutur u vetturi oħrajn bil-mutur prinċipalment maħsubin għat-trasport ta' persuni (minbarra dawk tal-intestatura 8702), inklużi station wagons u karozzi tat-tlielaq

8704 Vetturi bil-mutur għat-trasport ta' prodotti

8705 Vetturi bil-mutur b'għanijiet speċjali, ħlief dawk prinċipalment maħsubin għat-trasport ta' persuni u oġġetti (pereżempju, trakkijiet għall-ħsarat, trakkijiet krejn, vetturi għat-tifi tan-nar, trakkijiet tal-miksers tal-konkos, trakkijiet għall-knis tat-toroq, trakkijiet biex ibexxu, ħwienet tax-xogħol mobbli, unitajiet radjoloġiċi mobbli)

8711 Muturi (inklużi roti mutur (mopeds) u roti mġhammrin b'mutur awżiljarju, bis-side-cars jew le; side-cars

8713 Vetturi għall-ġarr ta' persuni b'diżabbiltà, immotorizzati jew le jew immexxijin b'mod ieħor mekkaniku

ii komponenti għal vetturi bil-mutur, kif deskritt fil-Kapitoli tan-Nomenklatura Magħquda (NM) speċifikati hawn taħt:

8706 00 Xażis armati bil-magni, għall-vetturi bil-mutur tal-intestaturi 8701 sa 8705

8707 Bodis (inklużi kabini), għall-vetturi bil-mutur tal-intestaturi 8701 sa 8705

8708 Partijiet u aċċessorji tal-vetturi bil-mutur tal-intestaturi 8701 sa 8705

8714 Partijiet u aċċessorji ta' vetturi tal-intestaturi 8711 sa 8713

8716 Trejlers u semitrejlers; vetturi oħrajn, mhux immexxijin b'mod mekkaniku; partijiet tagħhom

fir-rigward ta' fornituri u provdituri ta' servizzi mill-Awstralja."

- in-Nota 2 tan-Noti tal-Anness 2 tal-Appendiċi I Impenji tal-Unjoni Ewropea għandha tinbidel kif ġej:

'(2) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu XVIII ma għandhomx japplikaw għal fornituri u provdaturi ta' servizzi mill-Ġappun, il-Korea, l-Istati Uniti u l-Awstralja fil-kontestazzjoni tal-ġħoti ta' kuntratti lil fornitur jew provdatur ta' servizz ta' Partijiet oħra għajr dawk imsemmija, li huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, sakemm l-UE taċċetta li dawn ma għadhomx joperaw miżuri diskriminatorji favur ċerti negozji domestiċi żgħar u tal-minoranzi."

Mal-adeżjoni tal-Awstralja għall-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi, in-Nota 6 tan-Noti tal-Anness 3 tal-Appendiċi I Impenji tal-Unjoni Ewropea għandha tinkludi l-punti li ġejjin wara l-punt wara l-punt r):

"(s) l-akkwist mill-entitajiet tal-akkwist li joperaw fl-oqsma li ġejjin:

- i il-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb koperti f'dan l-Anness;
 - ii il-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni tal-elettriku koperti f'dan l-Anness;
 - iii il-faċilitajiet tal-ajruporti koperti f'dan l-Anness;
 - iv il-faċilitajiet tal-portijiet marittimi jew tal-portijiet interni jew faċilitajiet oħra tat-terminals koperti f'dan l-Anness;
 - v servizzi urbani tal-ferrovija, tat-tram, tat-trolley bus jew servizzi tal-karozzi tal-linja koperti f'dan l-Anness; u
 - vi it-trasport bil-ferrovija fuq ferroviji koperti f'dan l-Anness;
- fir-rigward ta' provvisti, servizzi, fornituri u provdaturi ta' servizzi mill-Awstralja."